# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

# MINUTI

# SEDUTA NRU 267 – It-Tnejn 15 ta' Lulju2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 266 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Triq il-Għid/Triq Papa Pawlu VI**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tweġiba affermattiva mingħand Transport Malta u għalhekk kienet se tibda l-implimentazzjoni tal-bidla.

**2.2 Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li wara waqfa ta' diversi jiem, ix-xogħolijiet tkomplew u mistennija li jitlestew sal-aħħar tax-xahar.

### 2.3 Knisja tal-Providenza

Is-Sindku qal li kien għadu qed iħejji l- *Byelaw.*

## 3. FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4 HWEJJEĠ OĦRA

### 4.1 Latrina ta' Għar Lapsi

Is-Sindku qal li ila tinħass l-ħtieġa li tittieħed azzjoni dwar il-latrina ta' Għar Lapsi. Irid jingħad li diversi snin ilu kien sar pjan minn kunsill preċedenti biex din titwaqqa' u tinbena mill-ġdid u saħansitra kienet saret applikazzjoni mal-MEPA. Meta ddiskuta din il-pjanta mal-Perit attwali tal-Kunsill, dan tal-aħħar hu tal-fehma li jsiru pjanti ġodda biex din tkun waħda aktar aċċessibli.

Is-Sindku kompla jgħid li wara li jitlestew il-pjanti ġodda nkunu nistgħu nagħmlu stima tax-xogħolijiet u pjan ta' finanzjament. Għanda wkoll issir talba lill-Gvern Ċentrali biex it-twaqqigħ isir mill-ħaddiema tiegħu.

### 4.2 Reviżjoni tas-*South Local Plan*

Is-Sindku qal li issa li ingħata bidu ta' dan il-proċess il-Kunsill qed ikun mitlub li jkun parteċipi fid-diskussjonijiet dwaru. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv hu kien se jiltaqa' ma' uffiċjali tal-MEPA biex inkunu infurmati dwar kif se jsir il-proċess tar-reviżjoni.

Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu laqgħa pubblika u ippropona li fiż-żmien opportun il-Kunsill jorgnazza laqgħa pubblika għar-residenti biex qabel tittieħed pożizzjoni mill-Kunsill ikun sema' lir-residenti. Huwa ippropona wkoll li din il-laqgħa m'għandiex tkun wieħed iressaq it-talbiet privati tiegħu imma suġġerimenti dwar dak li jolqot lill-lokalita' b'mod ġenerali.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.3 Festa Għeneb

Is-Sindku qal li l-preparamenti kienu mexjin skont il-pjan. Kien hemm il-ħsieb li jinfetħu s-shelters tal-pjazza biex il-pubbliku jkun jista' jżurhom. Huwa ippropona li jinxtraw *bins* biex ikun jista' jsir separazzjoni tal-iskart. Dawn ikunu jistgħu jintużaw anki fil-Festa ta' San Nikola u okkażjonijiet oħra.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4 Gabbani fil-festa**

Il-Kunsilliera Mariette Borg qalet li kienet irċeviet diversi ilmenti dwar il-gabbani fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi kif ukoll minn strobju esaġerat ta' mużika s-Sibt lejliet il-festa minn propjeta' privata.

Is-Sindku qal li l-gabbani ingħataw il-posti tagħhom skont il-prassi normali i.e. li l-ebda posta ma tpoġġiet quddiem propjeta' privata, li saru b'mod li jissalvagwardjatw is-sigurta' pubblika u li jnaqqsu bl-aktar mod possibli kull inkonvenjent lir-residenti. Huwa talab lill-Kunsilliera Borg biex tgħaddilu l-informazzjoni dwar l-inkonvenjent ta' storbju.

**4.5 Bring-in sites**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien irċieva ilment dwar il-pożizzjoni tal-*Bring-in Site* fi Triq Patri Ġużè' Delia u issġġerixxa li jsiru l-*cameras*. Is-Sindku qal li din id-deċiżjoni kienet ittieħdet mill-Kunsill b'mod unanimu. Rigward il-*cameras* huwa qal li dawn mhux vjabbli mil-lat finanzjarju. Huwa Kompla jgħid li kien qed jesiġi mal-kuntrattur li jnaddaf kuljum ħdejn il-*bring-in sites* kollha.

**4.6 Zebra Crossing/s fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tweġiba affermattiva mingħand Transport Malta dwar it-talba li kien għamel il-Kunsill biex issir *zebra crossing* f'din l-imsemmija triq viċin Triq Wied Xkora. L-istima tax-xogħolijiet hija ta' madwar £4,000.

Il-Kunsilliera Mariette Borg staqsiet x'sar miz-zebra crossing viċin Triq l-Andar. Is-Sindku qal li kien se jerġa' jkellem lill-Perit Julian Borg.

**4.7 Triq ta' Bellu**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li hemm il-ħtieġa li din it-triq titnaddaf u jsir il-patching neċessarju. Is-Sindku qal li għandha tiddaħħal fil-lista tx-xogħolijiet.

**4.8 ERDF Measure 315**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien infurmat mill-Kumitat tal-Għażla li –applikazzjoni tagħna "Life Design Project" għaċ-Ċentru Ċiviku ġiet irrifjutata minkejja li qabeż il-marka ta' 50% u għalhekk kien eliġibbli għall-fondi.
Is-Sindku ippropona li għandna nappellaw minn din id-deċiżjoni.

Il-Viċi Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.9 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *streaming* tas-seduti *on line (Memo 17/2013)***

Is-Segretarju qal li kienet tħabbret din l-iskema fejn il-Kunsill jingħata għajnuna sa massimu ta' £2,300 biex jinxtara apparat ħalli l-Kunsill jittrasmetti s-seduta tiegħu *live* fuq l-*internet*.. Dan il-proġett irid jibda minn Jannar 2014.
Is-Sindku ippropona li għandna naċċettaw din l-għajnuna.

Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.10 Permessi ta' krejniet *online (Memo 14/2013)***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed titħejja l-infrastruttura neċessarja biex wieħed ikun jista' japplika *on line* għal permessi tal-krejnijiet. Biex isir dan iridu jinfetħu żewġ *merchant accounts* mal-BOV u l-HSBC.
Is-Sindku ipporpona li dawn il-kontijiet għandhom jinfetħu.
Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.11 Ristawr tal-Istatwa ta' San Pawl**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-rapport tad-*Development Permit Application* kien wieħed pożittiv u se tittieħed deċiżjoni mill-*Environment and Planning Commission* nhar il-31 ta' Lulju, 2013.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 5 ta' Awwissu fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2013.**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 17/6/13-15/7/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | k.aquilina | €640.00 | €640.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 2 | r.callus | €240.00 | €240.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 3 | m.cachia | €480.00 | €480.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 4 | ma vassallo | €480.00 | €480.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 5 | n.cassar | €480.00 | €480.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 6 | j.tanti | €480.00 | €480.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 7 | m.borg | €480.00 | €480.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 8 | m.cutajar | €240.00 | €240.00 | d | fp | allowance jan-june13 | 27/06/13 | | | | 1600 | |
| 9 | k.aquilina | €669.94 | €669.94 | d | fp | honoraria mayor june13 | 27/06/13 | | | | 1100 | |
| 10 | n.baldacchino | €135.10 | €135.10 | d | fp | bonus june13 | 27/06/13 | | | | 1300 | |
| 11 | r.giorgino | €135.10 | €135.10 | d | fp | bonus june13 | 27/06/13 | | | | 1300 | |
| 12 | m.muscat | €135.10 | €135.10 | d | fp | bonus june13 | 27/06/13 | | | | 1300 | |
| 13 | a.borg | €70.36 | €70.36 | d | fp | bonus june13 | 27/06/13 | | | | 1300 | |
| 14 | employees | €4,649.28 | €4,649.28 | d | fp | salaries june13 | 27/06/13 | | | | 1200 | |
| 15 | natasha mizzi | €462.00 | €462.00 | t | fp | cleaning council premises june13 | 01/07/13 | | | | 3055 | 9665 |
| 16 | colours of the rainbow | €20.00 | €20.00 | d | fp | flowers skola opening sala | 14/06/13 | 13 | | po100/13 | 2930 | 9666 |
| 17 | colours of the rainbow | €65.00 | €65.00 | d | fp | flowers festa | 10/07/13 | 18 | | po69/13 | 2930 | 9666 |
| 18 | n.baldacchino | €99.00 | €99.00 | d | fp | petrol expenses | 01/07/13 | 0 | | | 2760 | 9667 |
| 19 | daniel cutajar | €465.31 | €465.31 | t | fp | bulky refuse june13 | 28/06/13 | 7 | | | 3042 | 9668 |
| 20 | ronald bezzina | €2,770.83 | €2,770.83 | t | fp | street sweeping june13 | 30/06/13 | 6 | | | 3051 | 9669 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,197.02** | **€13,197.02** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€13,197.02** | **€13,197.02** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

**Data:** **17/6/13-15/7/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | callus landscaping | €2,710.16 | €2,710.16 | t | fp | planting public spaces june13 | | 19 | | | 3061 | 9670 |
| 22 | alex camilleri | €847.43 | €847.43 | t | fp | public conveniences june13 | | 74 | | | 3053 | 9671 |
| 23 | alex camilleri | €847.43 | €847.43 | t | fp | public convenience may13 | | 73 | | | 3053 | 9671 |
| 24 | arms | €294.93 | €294.93 | d | fp | bowling pitch lapsi 9/3/13-25/6/13 | | 17097772 | | | 2130 | 9672 |
| 25 | arms | €57.83 | €57.83 | d | fp | premises electricity 1/12/12-20/3/13 | | 17121624 | | | 2130 | 9672 |
| 26 | arms | €39.18 | €39.18 | d | fp | premises water 1/12/12-20/3/13 | | 17121624 | | | 2140 | 9672 |
| 27 | pierre farrugia | €72.00 | €72.00 | d | fp | minerals | | 80 | | po101/13 | 2670 | 9673 |
| 28 | ell's urban services | €459.91 | €459.91 | t | fp | patching | | 409 | | | 2310 | 9674 |
| 29 | pavi | €6.04 | €6.04 | d | fp | milk | | 748257 | | | 2670 | 9675 |
| 30 | al's mini market | €68.00 | €68.00 | d | fp | minerals centru civiku | | 62889 | | po102/13 | 2670 | 9676 |
| 31 | avantech | €102.78 | €102.78 | d | fp | charges photocopier | | 165230 | | | 3110 | 9677 |
| 32 | ecopure | €8.50 | €8.50 | d | fp | water for dispenser | | 547582 | | | 2670 | 9678 |
| 33 | greenlines | €396.00 | €396.00 | d | fp | hiring mobile toilets festa | | 25198 | | po65/13 | 3372 | 9679 |
| 34 | g.pace | €177.00 | €177.00 | d | fp | floodlighting pjazza festa | | 41456 | | | 3372 | 9680 |
| 35 | carl sciberras | €70.00 | €70.00 | d | fp | music service elderly reception | | | | po103/13 | 3361 | 9681 |
| 36 | brick block | €47.79 | €47.79 | d | fp | 50 bricks for ghar lapsi | | 2752 | | po104/13 | 2370 | 9682 |
| 37 | wasteserv | €4,502.80 | €3,146.17 | t | pp | msw waste may13 | | 27339 | | | 3040 | 9683 |
| 38 | guard&wardens | €212.40 | €212.40 | d | fp | service festa | | 6774 | | | 3372 | 9684 |
| 39 | access point | €236.00 | €236.00 | d | fp | it virtual pack july13 | | 3686 | | | 3110 | 9685 |
| 40 | kumitat kongunt | €9.19 | €9.19 | d | fp | les june13 | | 229 | | | 3620 | 9686 |
| | **Sub Total c/f** | **€11,165.37** | **€9,808.74** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€13,197.02** | **€13,197.02** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,362.39** | **€23,005.76** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier

**Data:** 17/6/13-15/7/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | forte | €82.50 | €82.50 | d | fp | hire of car - screens project | | 2858 | | | 3331 | 9688 |
| 42 | forte | €82.50 | €82.50 | d | fp | hire of car - screens project | | 2981 | | | 3331 | 9687 |
| 43 | dolmen resort | €555.50 | €555.50 | d | fp | accomodation project screens | | 2013021944 | | | 3331 | 9688 |
| 44 | dolmen resort | €10.00 | €10.00 | d | fp | internet use project screens | | 447 | | | 3331 | 9688 |
| 45 | la stalla | €46.50 | €46.50 | d | fp | food project screens | | 4003715 | | | 3331 | 9688 |
| 46 | yam yam | €2.50 | €2.50 | d | fp | food project screens | | 9332 | | | 3331 | 9688 |
| 47 | step in | €154.70 | €154.70 | d | fp | food project screens | | 44 | | | 3331 | 9688 |
| 48 | cassie cutajar | €115.00 | €115.00 | d | fp | clerikal work saturdays june13 | | | | | 3065 | 9689 |
| 49 | go | €34.94 | €34.94 | d | fp | adsl july13 | | 33525094 | | | 2160 | 9690 |
| 50 | go | €74.06 | €74.06 | d | fp | 21468874 june13 | | 33525094 | | | 2160 | 9690 |
| 51 | go | €17.19 | €17.19 | d | fp | 21462946 june13 | | 33525112 | | | 2160 | 9690 |
| 52 | go | €76.51 | €76.51 | d | fp | 21466000/21466036 june13 | | 33525128 | | | 2160 | 9690 |
| 53 | go | €35.34 | €35.34 | d | fp | 21465799/21465805 june13 | | 33525166 | | | 2160 | 9690 |
| 54 | j.gatt | €831.94 | €831.94 | t | fp | supervisor of works may13 | | | | | 3120 | 9691 |
| 55 | j.gatt | €720.93 | €720.93 | t | fp | supervisor of works june13 | | | | | 3120 | 9691 |
| 56 | steel structures | €20,000.00 | €20,000.00 | t | fp | 3rd payment profett centru civiku | | 1 | | lcs8/11 | 2676 | 9692 |
| 57 | vodafone | €94.18 | €94.18 | d | fp | 99491280 june13 | | 3570272013 | | | 2160 | 9695 |
| 58 | david grima | €80.00 | €80.00 | d | fp | petrol expenses june13 | | | | | 2760 | 9696 |
| 59 | xuereb ltd. | €5,711.41 | €5,711.41 | t | fp | collection household waste june13 | | 7890838 | | | 3041 | 9694 |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€28,725.70** | **€28,725.70** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€28,725.70** | **€28,725.70** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 266 tas-17/6/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier